FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Novembru, 2001**

**Numru 22**

**Avviz. numru 998/01JR**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Anton Gatt**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Settembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija sitta u disghin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm696.13) dovuti lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-sevrizz telefoniku bin-numru 809104 (skond ma jirrizulta mid-Dok.A) u liema servizz gie nstallat fil-fond li jgib in-numru 42, Triq id-9 ta' April, Luqa, u dana skond ma jidher mill-anness "service agreement" market Dok.B;**

**Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta. Semgha x-xhieda ta' Dr. Ingrid Zammit Young ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija sitta u disghin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm696.13), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-1 ta' Ottubru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**